MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1140/2001/1

**Reuben Casa**

**vs**

**Tal-Herba Construction Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa l-proprjetarju ta' plot numru 26, off Triq it-Torri, Swatar.

Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet xoghlijiet ta' skavar fis-sit ta' art adjacenti.

Illi l-fond tal-attur sofra bosta hsarat b'rizultat tax-xogholijiet ta' skavar imsemmija li saru mis-socjeta' konvenuta kif fuq inghad.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni hekk subiti mill-istanti izda ciononostante din baqghat inadempjenti.

Ghalhekk l-attur qed jitlob (1) li jigi dikjarat u deciz, okkorrendo bl-ghajnuna ta' perit nominand, illi l-fond tal-attur fis-Swatar issubixxa danni b'rizultat tax-xoghlijiet ta' skavar li saru mis-socjeta' konvenuta fis-sit ta' art adjacenti, (2) li jigu likwidati hekk subiti mill-attur b'rizultat tax-xoghlijiet ta' skavar imsemmija u (3) li s-socjeta' konvenuta tigi kkunannata thallas l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-23 ta' April, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi s-socjeta' eccipjenti m'ghandhiex relazzjoni guridika mal-attur stante li mhix il-proprjetaeja tal-fond imsemmi fic-citazzjoni u cioe' tal-plot numru 26, off Triq it-Torri, Swatar.

Illi s-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur. Illi x-xogholijiet li allegatament taw lok ghall-hsarat lamentati gew ezegwiti minn terza persuna li ghandha tigi kjamata fil-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova li ghamel kollox possibli biex jimmitiga d-danni allegatament sofferti minnu.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Fl-imsemmija dikjarazzjoni taghha s-socjeta' konvenuta specifikat li fiz-zmien in kwstjoni is-socjeta' konvenuta kellha biss il-pussess tal-plot adjacenti u dana biss bhala kuntrattur tal-istess plot u l-istess socjeta' konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta Carmelo Vella Limited ghax-xogholijiet ta' skavar liema xoghilijiet allegament wasslu ghall-hsarat lamentati. Is-socjeta konvenuta ma kellix sehem fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet ta' skavar. Skond is-socjeta' konvenuta l-entita' tal-hsarat allegati hi zghira hafna.

Rat l-affidavit tal-attur u dak ta' Christopher Hayes u tal-Perit Edwin Mintoff li gew presentati mill-attur.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-attur Reuben Casa hu proprjetarju tal-plot numru 26, off Triq it-Torri, Swatar. L-attur jallega li s-socjeta konvenuta ghamlet xoghlijiet ta' skavar fis-sit adjacenti u li bhala rizultat ta' dawn ix-xogholijiet l-attur sofra hsarat fil-proprjeta' tieghu. Minhabba f'hekk l-attur qed jitlob li jigu likwidati d-danni relattivi u li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati.

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta teccepixxi li m'ghandhiex relazzjoni guridika mal-attur stante li mhix il-proprjetaeja tal-fond adjacenti ghal dak tal-attur. Inoltre s-socjeta' konvenuta ssostni li x-xogholijiet in kwestjoni gew ezegwiti minn terzi. Fl-ahhar is-socjeta' konvenuta tissottometti li l-attur ghandu jipprova li ghamel dak kollu possibli biex jimmitiga d-danni.

**Fatti**

Fid-dikjarazzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid illi fiz-zmien in kwestjoni hi kienet semplicement fil-pussess tal-art adjacenti ghal dik ta' proprjeta' tal-attur u dan bhala kuntrattur. Ix-xogholijiet ta' skavar kienu saru minn terzi.

L-attur, fl-affidavit tieghu, qal li meta beda x-xoghol ta' skavar fil-plot adjacenti huwa nduna li kienu qed jizviluppaw xi ħsarat fid-dar tiegħu. L-attur tkellem mal-kuntrattur certu Anthony Spiteri u ftehemu li jergghu jitkellmu meta jitlesta x-xoghol kollu ta' skavar peress li setghu jizviluppaw hsarat ulterjuri. Wara li tlesta x-xogħol l-imsemmi kuntrattur Anthony Spiteri mar fil-fond in kwestjoni tal-attur flimkien mas-surveyor certu Chris Hayes, biex jigu spezzjonati l-ħsarat. F'dan l-istadju Anthony Spiteri nforma lill-attur illi kienet saret il-"claim" relattiva mal-kumpanija tal-assigurazzjoni tiegħu. Skond l-attur pero' Spiteri baqa ma ghamel xejn ghar-rigward tal-imsemmija hsarat, nonostante li l-attur kien ikellem lil Spiteri fl-imkien mal-imsemmi surveyor. Minhabba f'hekk l-attur inkariga lill-perit Edwin Mintoff li rrilaxxa certifikat dwar il-hsarat in kwestjoni. Kopja ta' dan ic-certifikat inghata lil Spiteri. Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta qabdet lis-surveyor Chris Hayes sabiex jagħmel rapport dwar il-ħsarat in kwestjoni pero' l-istess hsarat baqghu ma gewx kwantifikati mill-imsemmi surveyor peress li l-kumpanija tal-assigurazzjoni ma aċċettatx il-policy liability.

Il-perit Edwin Mintoff ikkonferma li bhala konsegwenza diretta tax-xogħol imsemmi ta' qtugħ ta' blat fid-dar tal-attur żviluppaw diversi difetti (fol.28). L-istess perit ippreżenta c-ċertifikat minnu rilaxxat (fol.29) datat 21 ta' Marzu 2001. Dan ic-cerifikat jiċċertifika u jikkwantifika d-difetti u l-ispehjjez relattivi.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Ghandu l-ewwel jigi stabbilit jekk hemmx jew le relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u cioe' jekk is-socjeta' konvenuta hix il-legittimu kontradittur fil-presenti kawza. Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni jigi rilevat li s-soċjetà konvenuta tissottometti li hi mhix il-proprjetarja tal-fond adjaċenti għad-dar tal-attur, pero' ghandu ukoll jigi puntwalizzat li l-attur effettivament mhux qed jallega li s-socjeta' konvenuta hi l-proprjetarja tal-art adjacenti. Jirriżulta pero' b'mod ċar li s-soċjetà konvenuta kienet inkarigata bħala l-kuntrattur ghar-rigward tal-istess art adjacenti. Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet fil-pussess tal-imsemmi sit kif ukoll gie kkonfermat mill-istess socjeta' konvenuta fid-dikjarazzjoni taghha presentata man-nota tal-eċċezzjonijiet. Dan kollu pero' ma jfissirx li s-soċjetà konvenuta m'ghandiex relazzjoni guridika mal-attur sempliċiment għaliex hija mhix il-propjetarja tal-bicca art fejn kienu qed isiru x-xogiolijiet ta' skavar in kwestjoni. Il-fatt wahdu li s-socjeta' konvenuta mhux sid tal-art adjacenti ma jeskludix li jista jkun hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet. Is-socjeta' konvenuta kienet il-kuntrattur li kienet qed tiehu hsieb ix-xogholijiet li kienu qed isiru fl-imsemmija art adjacenti ghall-fond tal-attur. Bhala kuntrattur is-socjeta' konvenuta setghet ghaddiet xoghol partikolari bhal l-iskavar tal-blat lil terzi, kif fil-fatt sar, pero' s-socjeta' konvenuta tibqa responsabbli ghal kwalunkwe tip ta' hsarat li setghu gew kagunati minnhabba x-xogholijiet in kwestjoni, irrispettivament li l-istess xogholijiet ikunu saru minn terzi mqabbdin mill-istess socjeta' konvenuta.

Fit-tieni lok is-soċjetà konvenuta teċepixxi li mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur stante li x-xogholijiet in kwestjoni li allegatament taw lok ghall-hsarat lamentati gew ezegwiti minn terzi. F'dan ir-rigward, mill-provi prodotti, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet inkarigat lis-soċjetà Carmelo Vella sabiex tesegwixxi x-xogħolijiet ta' skavar fis-sit adjaċenti għal dak tal-attur. L-argument tas-socjeta' konvenuta ma jsegwix cioe' li peress li s-socjeta' konvenuta ma ghamlitx ix-xogħolijiet in kwestjoni kwindi l-istess soċjetà konvenuta ma tistax tkun

responsabbli għall-ħsara fil-proprjetà tal-attur. Kif gia rilevat l-attur u Anthony Spiteri in rappresentanza tas-soċjetà konvenuta kienu tkellmu dwar il-ħsarat de quo u jirrizulta li l-imsemmi Anthony Spiteri saħansitra mar fuq il-post akkumpanjat minn surveyor cioe' Chris Hayes. Jirrizulta ukoll li sussegwentement l-istess Anthony Spiteri kien għamel "claim" mal-kumpanija tal-assigurazzjoni tiegħu. Inoltre sa dan l-istadju is-socjeta' konvenuta ma kienitx qed tikkontesta r-responsabbilità għal dawn il-ħsarat. Ġara illi, skond kif xehed Chris Hayes, il-kumpanija tal-assigurazzjoni ma aċċettatx il-policy liability, u kien f'dan il-mument li s-socjeta' konvenuta, tramite l-imsemmi Anthony Spiteri, ma komplitx tikkomunika mal-attur. Kwindi jidher li sakemm is-socjeta' assikuratrici ma ddikjaratx li ma kienitx responsabbli, is-socjeta' konvenuta ma kienitx qed tikkontesta r-responsabbilità taghha.

L-artikolu 1037 jipprovdi li f'kaz li kuntrattur iqabbad terzi biex jaghmlu xi xoghol partikolari kompriz fil-kuntratt ta' appalt l-istess kuntrattur jibqa responsabbli, jekk huwa ma jkunx qabbad persuna ta' ħila, għall-ħsara kawzati minhabba n-nuqqas ta' ħila tal-persuna mqabda. Kwindi jigi ribadit li l-fatt li s-socjeta' konvenuta ma esegwitx ix-xoghol tal-iskavar ma jfissirx li hi esentata mir-responsabilita' jekk min ikun hadem ix-xoghol partikolari jikkawza xi hsara. Tista tissussisti r-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta kemm il-darba jissussistu u jikkonkorru l-elementi li trid il-ligi f'dan ir-rigward. Inoltre, fin-nota ta' eccezzjoniet taghha s-socjeta' konvenuta ssottomettiet li t-terzi cioe' s-soċjetà Carmelo Vella, li fil-fatt ghamlet ix-xogholijiet ta' skavar, kellha tiġi kkjamata fil-kawża. Jidher pero' li s-socjeta' konvenuta ma insistitx fuq din it-talba u konsegwentement l-imsemmija terzin li esegwew ix-xoghol ta skavar ma gewx kjamati fil-kawza. Certament kien ikun fl-interess tas-soċjetà konvenuta li ssir tali kjamata fil-kawza. Jista jinghad li kien hemm nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta li l-kjamata ma saritx. (Vide

Qorti tal-Appell - 4 ta' Diċembru "Emanuel Abela vs Perit Arkitett Fred Valentino et"). La darba persuna tigi kjamata fil-kawza, l-istess persuna, ghall-effetti kollha tal-ligi, titqies li hi konvenuta u b'hekk setgħet tiġi liberata jew kundannata skond kif ikun il-każ. Skond il-provi r-responsabbilita` setghet tigi apporzjonata bejn is-socjeta' konvenuta u l-eventwali kjamati fil-kawza. (Vide 31 ta' Lulju 1996 - Appell Inferjuri – "Anthony Ventura nomine vs Raymond Galea et").

Fic-cirkostanzi prevalenti fil-kaz in esami mhux il-kaz li jigi esaminat jekk is-socjeta' li hadmet ix-xoghol ta' skavar ghandhiex tinzamm responsabbli tad-danni li sofra l-attur fl-imsemmija proprjeta' tieghu. F'kaz li s-socjeta' konvenuta tirrizulta responsabbli ghall-hsarat in kwestjoni skond il-kriterji stabbiliti fil-ligi konsegwentement l-istess socjeta' konvenuta ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli stante li bhala l-kuntrattur ghaddiet ix-xoghol ta' skavar lil terzi u dan il-fatt wahdu jġorr certa responsabbilità. Dan kollu salv id-drittijiet li tista tvanta s-soċjetà konvenuta kontra s-sotto-kuntrattur. Konsegwentement is-socjeta' konvenuta hi l-legittimu kontradittur fil-presenti proceduri.

**It-talbiet attrici**

Hawnhekk si tratta ta' culpa aquilina. Skond l-Artikolu 1031 kull hadd iwiegeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. L-Artikolu 1032 jagħti definizzjoni tal-ħtija u cioe ghandu jitqies "fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza d-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja." Isegwi li sabiex l-attur jirnexxi f'din il-kawża ta' danni, huwa ghandu jipprova li sofra ħsara, bil-ħtija (kif imfissra fl-artikolu 1032) tal-konvenut. Fil-kaz in esami jista jinghad li d-danni li sofra l-attur ġew ippruvati pero' ma jirriżultax, b'mod partikolari miċ-ċertifikat presentat mill-perit Edwin Mintoff li hemm xi ħtija kif trid il-liġi li ghandha tigi addebitata lis-socjeta' konvenuta. Ma jirriżultax sufficjentement li l-attur irnexxielu jipprova illi s-soċjetà konvenuta ma użatx il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja meta ghaddiet ix-xoghol ta' skavar lil terzi kif trid il-liġi. Fis-sentenza tal-Prim Awla

tat-28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet “GO p.l.c. vs Charles Dimech” ġie ritenut li “hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu, imma mhux aktar minn hekk.”

Il-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Frar, 2005, fl-appell civili fl-ismijiet “Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta p. l. c. et” irreteniet illi – “Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita` ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista’ tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta’ kawzalita` mal-event dannuz;
.
In linea ma’ dan ta’ hawn fuq, biex tintlaqa’ t-talba tall-attur, kien jinħtieġlu jipprova illi s-soċjetà konvenuta ma ottemporatx ruħha ma’ xi permess jew illi ma ħaditx il-prekawzjonijiet assoċjati mal-iskavar sabiex jiġi evitat dannu. Fi kliem iehor kien jeħtieġlu jipprova illi l-attur kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta’ bonus paterfamilias mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini. Jingħad illi l-attur ma irnexxielux jipprova xi dover li naqset minnu s-soċjetà konvenuta li jwassal ghal nuqqas ta’ diligenza u allura tal-htija da parti tagħha. Inoltre jiġi osservat ukoll illi l-fatt li hsara grat waqt li dik is-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel xi xoghol fil-fond in kwestjoni ma jfissirx necessarjament li dik is-socjeta’ konvenuta ghamlet xi xoghol hazin li wasal ghall-hsara. Kwindi, jingħad illi l-attur ma rnexxielux jipprova t-talba tiegħu, li għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------